MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 559/2009

PULIZIJA
SUPRETENDENT CARMELO BARTOLO
VS
JOSEPH SAMMUT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Sammut, ta’ 40 sena, iben Paul u Catherine nee’ Farrugia, imwieled Tarxien, nhar it-18 ta’ Frar, 1969, residenti 48, ‘Paradise’, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 148069(M).

Billi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta’ Lulju 2004 u matul is-snin ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar is-6 ta’ Lulju, 2004, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe tlett *washing machines*, liema serq li kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (elf lira maltija), kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Mizzi Ltd. u/jew persuni ohra;
2) Kif ukoll f’dawn il-Gzejjer, f’diversi okkazjonijiet matul l-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe oggetti ta’ l-ikel, liema serq li kien ikkwalifikat bil-persuna, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (elf lira Maltija), sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Miksons Transport Co. Ltd. u/jew persuni ohra;
3) Kif ukoll f’dawn il-Gzejjer, f’diversi okkazjonijiet matul l-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe hwejjeg, liema serq li kien ikkwalifikat bil-persuna, bin-natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Miksons Transport Co. Ltd. u/jew persuni ohra;
4) Kif ukoll f’dawn il-Gzejjer, matul l-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ kaxxi kontenenti kolla tat-tip UHU, liema serq li kien ikkwalifikat bil-persuna, bin-natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (elf lira Maltija), sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija F.S. Borg Co. Ltd. u/jew persuni ohra;
5) Kif ukoll f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe banketta, liema serq li kien ikkwalifikat bil-persuna, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ mhux maghrufa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat, Joseph Sammut, hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 18, 261, 263, 264, 267, 268, 271, 279, 280 u 281 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat ghal perijodu ta’ *Probation Order* ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew ta’ Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa ‘a first offender’ u li rregistra ammissjoni bikrija u in vista tal-fatt illi minkejja illi fi zmien ta’ l-akkuza li kien *drug addict*, irnexxielu johrog minn dan il-vizzju qieghed jahdem regolarment u anke ghamel pagamenti lil kwerelanti rigwardanti s-serq fuq indikat.

Din il-Qorti giet accertata wkoll illi l-imputat ma fetah l-ebda kawza ohra minn dak iz-zmien sal-gurnata tal-lum.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------